**Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90, Head Office,
Marsa, MRS 1000 Malta
Email: ambjent@maltadiocese.org

# Konsultazzjoni Pubblika dwar id-dokument *Fireworks Factory Complexes*

## *Introduzzjoni*

Bħalma għamlet f'okkażjonijiet oħra relatati ma' din it-tema[1], il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent (KA) tħoss id-dmir li tagħti l-fehmiet u r-reazzjonijiet tagħha għal dan id-dokument[2]. Dan l-impenn tal-KA hu xprunat mill-importanza u r-rispett li dejjem tat lill-valur tal-ħajja. Għalhekk il-KA b'sodisfazzjon tinnota li dan id-dokument qed jagħmel il-proposti tiegħu f'qafas li jagħti l-ogħla prijorità lis-sigurtà ta' dawk li jaħdmu n-nar u tat-terzi persuni li jistgħu jintlaqtu minn din l-industrija. Il-kummenti u s-suġġerimenti tal-KA huma tentattiv sabiex jitjiebu u fl-istess ħin jissaħħu l-proposti msemmija fid-dokument.

### *Kmamar tan-nar ġodda*

Matul dawn l-aħħar snin, in-numru tal-kmamar tan-nar naqas minħabba l-inċidenti li saru u n-nuqqas ta' permessi li nħarġu sabiex jinbnew oħrajn flokhom. Ġara wkoll li, prinċipalment minħabba ppjanar ħażin, inħarġu permessi għal bini residenzjali viċin ta' dawn il-kmamar li mbagħad kienu għajn ta' diżgwid kbir fuq min għandu d-dritt li jokkupa l-art.

Minn dak imsemmi f'Sezzjonijiet 3.0 u 5.0, jidher ċar li l-bini ta' kmamar tan-nar ġodda sa jkun allokat f'siti li huma ODZ (Outside Development Zone). Dan kien ikkonfermat waqt il-laqgħa pubblika li saret fil-*Boardroom* tal-MEPA fit-22 ta' Jannar 2014 dwar id-dokument. Fl-istess laqgħa ssemma wkoll li n-numru ta' dawn il-kmamar tan-nar ġodda mhux mistenni jkun wieħed kbir.

F'dan il-kuntest u quddiem ir-realtajiet ta' pajjiżna fejn l-ispazju disponibbli hu limitat u r-rata li bih qed jittiekel minn żvilupp mhux sostenibbli qed tkompli għaddejja, il-KA tħoss li għandu jsir eżerċizzju serju ta' ppjanar sabiex (i) ikun stabbilit in-numru ta' kmamar tan-nar ġodda li jiflaħ pajjiżna (*carrying capacity*), (ii) ikunu identifikati s-siti li potenzjalment jistgħu jinbnew fuqhom dawn il-kmamar, u (iii) ma jitħalliex isir żvilupp ieħor f'dawn is-siti. B'dan il-mod, wieħed jevita l-kunflitti msemmija aktar 'il fuq u, b'mod tanġibbli, ikun imħares ukoll l-interess tal-industrija tal-manifattura tan-nar.

### *Landscaping*

Filwaqt li b'sodisfazzjon tinnota l-importanza li d-dokument jagħti sabiex jitnaqqas l-impatt viżiv negattiv li jista' jkollhom dawn il-kmamar, il-KA tixtieq tiġbed l-attenzjoni

---

[1] Kummissjoni Ambjent (2006). *L-impatt ambjentali tal-festi Maltin.*

Kummissjoni Ambjent (2008). *Stqarrija tal-Kummissjoni Ambjent dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-Piroteknika.*

Kummissjoni Ambjent (2008). *Aktar dwar l-impatti tal-festi Maltin.*

Kummisjoni Interdjoċesana Ambjent (2012). *Il-logħob tan-nar, is-saħħa u l-ambjent.*

[2] Fejn mhux indikat mod ieħor, kull meta jissemma "dokument" tkun qed issir referenza għall-MEPA (2013) *Fireworks factory complexes: A policy for new fireworks factory complexes and for the upgrading of existing facilities - Public Consultation Phase II.* L-istess japplika għar-referenzi għas-Sezzjonijiet u l-Artikli tad-dokument.

dwar dak li ntqal f'Artiklu 3.3.2 dwar l-użu tas-siġar. Wieħed irid iżomm f'moħħu li s-siġar kollha – minħabba l-għoli tagħhom u l-umdità li jkollhom – jistgħu jiġbdu xi sajjetta u b'hekk ikunu huma stess ta' periklu meta mħawla madwar/ħdejn xi kamra tan-nar. L-impatt viżiv jista' xorta waħda jkun żgurat b'miżuri oħra li jkunu parti mid-disinn innifsu tal-binja (kif indikat f'Artiklu 3.3.1).

***Prinċipji u kriterji ta' disinn***

Il-KA taqbel ma' Artiklu 3.3.3 li kull deċiżjoni għandha tittieħed skont in-natura tal-każ/applikazzjoni u mhux tinforza soluzzjoni waħda għall-każijiet kollha. Madanakollu, l-esperjenzi passati wrew kif 'twieqi' bħal dawn – li 'infetħu' fir-regolamenti sabiex ikunu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi u titneħħa l-burokrazija żejda – spiss jispiċċaw sabiex joffru opportunità tad-deheb lil min irid jabbuża u jagħmel gwadann personali għad-detriment tal-komunità.

Għalhekk il-KA tħoss li dan id-dokument għandu jipproponi linji gwida ċari li jirregolaw id-disinn tal-kmamar tan-nar. Fi kliem ieħor, il-ħtieġa li kull każ għandu jkun studjat għall-merti tiegħu ma teliminax il-bżonn li jitfasslu kriterji bażiċi ta' disinn li jiżguraw is-sigurtà u li jirregolaw kull żvilupp marbut mal-bini jew l-immodernizzar tal-kmamar tan-nar. Dawn il-linji gwida għandhom ukoll ikunu ppubblikati.

***Il-kumitat ad hoc***

Minħabba r-rwol importanti ta' dan il-kumitat (Artiklu 3.3.4), il-KA tħoss li dan id-dokument għandu jagħti indikazzjonijiet ċari ta' x'kompetenzi għandhom ikollhom il-membri li jikkomponuh. Ċertament wieħed jistenna li l-membri tal-kumitat ikunu persuni tekniċi ġejjin minn kompetenzi varji relatati mal-qasam tal-piroteknika, is-sigurtà, l-ippjanar u l-bini ta' strutturi għall-produzzjoni u l-ħażna ta' materjal pirotekniku.

Kif indikat hawn fuq, dan il-kumitat għandu jkollu kriterji bażiċi u ċari li jiggwidaw id-deċiżjonijiet li jittieħdu u jiżguraw trattament ġust tat-talbiet/applikazzjonijiet li jsiru. Il-KA tfakkar li r-rwol regolatorju ta' dan il-kumitat (u tal-MEPA) ma jiqafx mal-ħruġ tal-permess. Dawn l-entitajiet għandhom iwettqu spezzjonijiet regolari u fuq medda ta' żmien sabiex jiżguraw li l-ispeċifikazzjonijiet li kienu approvati fuq il-karta jkunu dawk li fil-fatt irregolaw il-binja u li jibqgħu rispettati għas-snin li ġejjin. In-nuqqas ta' infurzar tar-regolamenti (mhux biss f'dan il-qasam) hi l-marda prinċipali li ilha ż-żmien tostakola l-kwalità tal-ħajja f'pajjiżna.

***Strateġija ħolistika***

Dan id-dokument hu ċertament pass fid-direzzjoni t-tajba għax joffri l-possibbiltà sabiex "*… jerġgħu jinbnew il-kmamar tan-nar li bħalissa huma weqfin minħabba xi problema jew oħra biex ix-xogħol jinfirex aktar u ma tibqax il-pressjoni fuq il-kmamar eżistenti.*"[3] Madanakollu, dan għandu jkun parti minn strateġija ħolistika li tagħmel din l-industrija aktar sigura għall-persuni li jaħdmu fiha, għal dawk li jgħixu fil-viċinanzi u għall-ambjent – li fuq il-kwalità tiegħu tiddependi l-kwalità tal-ħajja tagħna.

Fl-opinjonijiet imgħoddija tagħha, il-KA ħarġet qatta bla ħabel kontra l-**eċċessi** relatati mal-logħob tan-nar u mhux kontra l-logħob tan-nar fih innifsu, minkejja li min kellu

---

[3] Ara Artiklu 22 ta' Vella, A.J., Axiak, V., Delicata, S. & Theuma, J. (2011). *Relazzjoni tal-Kummissjoni ta' Inkjesta fuq l-aċċidenti fil-kmamar tan-nar.* 11 ta' Novembru 2011.

motivazzjonijiet ulterjuri ried li jagħti din l-impressjoni. Ir-rapport tal-Kummissjoni Vella dwar l-aċċidenti fil-kmamar tan-nar juri biċ-ċar li hemm relazzjoni bejn id-dimensjoni tad-diżgrazzji li seħħew u l-ammont ta' logħob tan-nar maħdum u maħżun. Dan l-ammont qed jiżdied kemm minħabba li ħafna mix-xogħol tan-nar – li qabel kien jinħadem f'diversi kmamar mifruxin ma' Malta – issa qed jinħadem f'numru iżgħar ta' kmamar u kemm minħabba l-ammonti eċċessivi ta' nar li qed jinħadem. Dan id-dokument hu għodda li biha qed tkun indirizzata l-ewwel problema (jiġifieri n-nuqqas ta' kmamar). Issa jeħtieġu miżuri oħra li jikkontrollaw l-eċċessi. Skont komunikazzjoni li l-KA kellha mal-Prof. Alfred Vella (li mexxa l-Kummissjoni ta' Inkjesta fuq l-aċċidenti fil-kmamar tan-nar) dan jista' jseħħ biss jekk il-Gvern iniedi kontrolli fuq il-provvista ta' perklorat li jintuża fil-manifattura tan-nar.

Deċiżjoni qalbiena bħal din mhux biss tgħin sabiex jonqos il-periklu u l-iskala ta' devastazzjoni meta jseħħ inċident, talli tikkontrolla t-tniġġis ambjentali u l-impatti negattivi fuq is-saħħa (Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent, 2012). Jekk din id-deċiżjoni ma titteħidx hemm il-periklu li jiġu fix-xejn il-benefiċċji li jistgħu joħorġu minn dan id-dokument propost. Dan għaliex, wara li jkunu nbnew kmamar ġodda u b'hekk ikun tnaqqas l-ammont ta' nar maħdum u maħżun f'kull kamra, mingħajr kontroll fuq l-ammont ta' nar immanifatturat, hemm iċ-ċans li kull kamra żżid il-produzzjoni b'mod eċċessiv u b'hekk nerġgħu niġu f'sitwazzjoni agħar.

***Konklużjoni***

Minkejja li suġġett bħal dan iqajjem emozzjonijiet qawwija kemm f'min għandu din is-sengħa kif ukoll f'min iħobb jara n-nar, xorta waħda rridu nkunu għaqlin u nużaw ir-raġuni kull meta nieħdu deċiżjonijiet marbutin ma' dan il-qasam. Fl-istqarrijiet kollha tagħha, il-KA dejjem enfasizzat l-importanza tal-edukazzjoni. U sa terġa' tagħmel l-istess f'din l-istqarrija.

Minkejja li fin-natura tiegħu dan ix-xogħol hu perikoluż, u jsir xi jsir hekk sa jibqa', xorta jistgħu jittieħdu miżuri li jnaqqsu l-periklu. Għalhekk korsijiet edukattivi li jsiru għal min jixtieq li jkollu l-liċenzja għall-manifattura m'għandhomx ikunu ffukati **biss** fuq il-kisba ta' tagħrif dwar is-sustanzi użati, it-taħlit tagħhom, il-liġijiet u l-miżuri ta' sigurtà. Għandu jkun ipprovdut ukoll taħriġ fl-iżvilupp ta' attitudnijiet u valuri li jwasslu għal bidla fl-imġiba u l-operat ta' min jikseb il-liċenzja. Marbuta ma' dan is-suġġeriment, wieħed iżid li fil-kors ta' Licence A għandu jingħata taħriġ fl-immaniġġjar tal-kmamar tan-nar minħabba l-possibbiltà li l-persuna li jkollha dik il-liċenzja tista' tintalab tmexxi kamra tan-nar.

Ċertament li dan il-qasam igawdi mill-għerf li nkiseb minn snin twal ta' esperjenza. Madanakollu, l-iżviluppi li seħħew jitolbu li f'pajjiżna tidħol mentalità ta' riċerka f'dan is-settur ukoll (speċjalment fl-iddisinjar ta' kmamar tan-nar). Il-Gvern jista' jgħin f'dan ir-rigward billi jiffaċilita ftehim ma' pajjiżi u/jew organizzazzjonijiet li joffru dawn l-opportunitajiet.

Filwaqt li b'sodisfazzjoni tinnota li dan id-dokument hu pass fid-direzzjoni t-tajba, il-KA tħeġġeġ lil kull min hu kkonċernat sabiex ikompli jaħdem b'mod matur sabiex l-industrija piroteknika tkompli tiżviluppa permezz ta' operat aktar responsabbli u sigur. Pajjiżna u ċ-ċittadini tiegħu ma jixirqilhom xejn inqas.